# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru (76) sitta u sebgħin, tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fl-uffiċċju tal-KLM fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku (6.30pm – 8.00pm) |
| | Michel Farrugia | Kunsillier (6.00pm – 7.15pm) |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier (6.00pm – (7.00pm) |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu kkunsidrati u sarulhom dawn l-emendi
75.03.03 Iddaħħlet il-kelma "li" bejn il-kelmiet "oħra" u "kienu".
75.03.09 Iddaħħlet il-kelma "se" bejn il-kelmiet "li" u "jitwaħħlu".
75.03.13 Iddaħħlet il-kelma "possibilment" bejn il-kelmiet "u" u "wkoll".
75.06 Inqatgħet il-kelma "Dwar l" u iddaħħlu l-kelmiet "Il-Viċi Sindku tat rendikont tal"
Dawn għaddew għal vot u kienu approvati b'mod unanimu.

**76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
76.3.01 L-operatur tal-Malta Public Transport u talab biex nibgħatu bil-kitba d-deċiżjoni tal-KLM illi biex ix-xarabankijiet ma jibqgħux fil-Pjazza se nagħżlu li dawn isiru 'ċirkulari'.

76.3.02 Kien deċiż illi l-pjanta tax-xogħlijiet proposti mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, tidher fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

76.3.03 Charlene Zammit qalet illi minkejja li l-fuljett kien fuq l-agenda tal-laqgħa preċedenti iddeskriviet illi l-artiklu li daħal wara dik il-laqgħa tal-kunsillier Michel Farrugia ma setax jiġi ppublikat minħabba li hija bħala l-editur rat li ma kienx jittratta l-operat tal-KLM u kien kollu kritika lejn il-gvern. Hija qalet illi fl-artiklu tal-fuljett irridu nwasslu messaġġ dwar il-ħidma jew in-nuqqas tagħha, tal-KLM u mhux tal-gvern. Michel Farrugia qal li ma kelliex dritt tiċċensurah għax kulħadd għandu d-dritt jikteb li jrid peress li dan imħallas mit-taxxi tal-poplu. Is-SE qal illi skont il-liġi tal-istampa, l-editur hu responsabbli minn dak kollu li jinkiteb, filwaqt li s-Sindku qalet illi f'kull fuljett li ħareġ, is-Sindku kien l-editur tiegħu. Matul il-laqgħa inqraw kemm l-artiklu ta' Michel Farrugia kif ukoll numru ta' *e-mails* relatati ma' dan l-artiklu li kien hemm bejn is-Sindku, is-SE u Michel Farrugia. Michel Farrugia talab li jitħalla l-vojt flok l-artiklu tiegħu filwaqt li Charlene Zammit qalet illi l-KLM se jagħmel nota illi l-artiklu tal-kunsillier Michel Farrugia ma setax jiġi ppublikat. Hija qalet illi meta Michel Farrugia semma' l-urugan Charlene (tal-Istati Uniti), li għadda minn fuqna, dan kien ippubblikat, iżda hija mhux se tittollera kritika partiġjana diretta kontra l-Gvern jew l-Oppożizzjoni f'ħarġa tal-fuljett li jittratta l-ħidma tal-Kunsill. Anita Farrugia qalet illi xi ħaġa bħal din għandha titħalla għall-Parlament għax jekk twalu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fl-Imqabba, twalu wkoll ta' lokalitajiet oħra. Paul Spiteri semma' illi minkejja li verament anke l-leġislatura l-oħra kellha terminu ta' ħames snin, din kienet issue differenti.

Charlene Zammit reġgħet tenniet li kien inkiteb fl-e-mails sabiex Michel Farrugia jimmodifika l-artiklu, iżda hu irrifjuta. Ittieħed il-vot li kien jaqra' 2 favur li jkun ippubblikat l-artiklu kif inhu u 3 kontra. Paul Spiteri talab li jkunu identifikati l-votanti u għalhekk, dawk favur li jkun ippubblikat kienu Michel Farrugia u Paul Spiteri u dawk kontra li jkun pubblikat l-artiklu kienu is-Sindku u l-Viċi Sindku u Anita Farrugia.

76.3.04 Charlene Zammit semmiet il-laqgħa mal-ELC.

76.3.05 Issemmew it-tiswijiet li hemm bżonn li jsiru mill-kuntrattur Asfaltar Ltd għal xogħol ta' kisi bit-tarmak li kien sar ħażin peress li jżomm l-ilma fihom.

76.3.06 Il-KLM se jikkummissjona r-rapport biex ikun jista' jiġi mgħoddi lil *Transport Malta* dwar il-proposta tal-*ispeed camera* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

76.3.07 Is-Sindku semmiet l-attivita' li se tkun organizzata nhar it-2 ta' April fejn *Heritage Malta* se jiftħu l-katakombi tal-Mentna u Din l-Art Ħelwa se jiftħu l-Kappella tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri.

76.3.08 Is-Sindku tkellmet dwar id-diżinn tal-gazebo li se ssir fi Ġnien Onġi Onġella.

76.3.09 Charlene Zammit tkellmet fuq il-ħsara li seħħet fuq il-*bus-shelter* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

76.3.10 Is-Sindku qalet illi hija u s-SE ħabbtu l-bibien tar-residenti ta' Triq is-Saljatura f'laqgħa li saret apposta.

76.3.11 Is-Sindku semmiet it-talba li saret lill-Kummissarju tal-Artijiet mill-KLM, sabiex tinfetaħ triq biswit Binja Ħarriġiet.

76.3.12 Is-Sindku talbet stima ukoll mingħand kuntratturi oħra minbarra dik mill-kuntrattur tagħna Elle's Urban Services, biex isir it-tindif tal-plot kbira li hemm bejn Triq il-Franka u Triq il-Ħajt tal-Matla.

76.3.13 Is-Sindku qalet illi kellha talba sabiex il-KLM jiffinanzja is-siegħat ta' traffic management tas-Soċjeta' Santa Marija nhar is-Sibt 1 ta' April.

76.3.14 Is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi se jkun hemm laqgħa ma' *Projects Malta* dwar il-Bini ta' Dar tal-Anzjani u l-*istake holders* li huma l-kappillan u l-każini nhar l-4 ta' April fis-2.00pm fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentarli Justyne Caruana.

76.3.15 Is-Sindku semmiet il-problema li hemm fi Triq Ħal Farruġ fil-parti d-dejqa. Hija qalet li jinħtieġ li nitolbu *expropriation*.

**76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**
Kien hemm mistoqsija minn Paul Spiteri jekk kienux irrappurtati il-lampi tat-toroq mitfija fi Triq il-Ħajt tal-Matla u oħra fi Triq il-Franka.

Għal mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-lampa l-ġdida li twaħħlet fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, is-SE qal illi l-KLM mela' l-*STL form* tal-Korporazzjoni Enemalta biex tkun enerġizzata.

Grace Marie Mallia qalet illi inqata' l-ħaxix ħażin li kien kiber fi Triq it-Torri Vinċenti.

Grace Marie Mallia semmiet l-attivita' tal-*buffet lunch* tas-6 ta' Mejju li se jorganizza l-KLM.

Madankollu din se taħbat mal-Festa Nar organizzata mir-Reġjun Nofsinhar u għalhekk se jkollna nipposponuha għal ġurnata aktar tard.

Grace Marie Mallia qalet illi l-prezz għall-mawra fi Sqallija nhar it-3 ta' Ġunju 2017, se jkun €134.

Grace Marie Mallia qalet illi issa ħriġna l-posters tal-attivita' ta' nhar il-25.4.2017 għal *Coffee Morning* u dawra bit-trenn fir-Rabat għal €9.50.

Grace Marie Mallia qalet illi hemm ippjanata wkoll mawra għal Għawdex nhar l-24 ta' Mejju 2017.

Is-SE semma' l-laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tal-MTA, Ministeru tal-Affarijiet Barranin u d-DLG dwar l-applikazzjoni li tfajna biex nospitaw lid-diplomatiċi. Hu qal illi dan se jsir fit-23ta' Settembru u issa d-data hija konfermata.

**76.5 Approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ;**

Kienu approvati dawn il-membri: Nicolai Farrugia, Pierre Farrugia, Jesmerine Mizzi, Anne Marie Magri, Michela Ellul u Nathan Aquilina. Is-SE ġibed l-attenzjoni li rċevejna ittra minn għand l-Aġenzija Żgħażagħ fejn talbitna sabiex naċċettaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu mill-KLM.

**76.6 Approvazzjoni tad-dokument tal-Offerta tal-Latrina Pubblika**

Kien approvat b'mod unanimu id-dokument tal-offerta tal-latrina pubblika li kien ċirkulat lill-kunsillieri b'e-mail aktar kmieni. L-adjudicators se jkunu Michel Farrugia, Anita Farrugia u Paul Spiteri.

**76.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Iċ-ċedola tal-pagamenti 529 kienet approvata minbarra items 2, 4 u 15 lil Arch William Lewis, Proġett Aġenzija Żgħażagħ u Flowerland.

**76.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa damet sat-8.05pm u dik li jmiss se ssir nhar it-18 ta' April 2017 fis-6.00pm u s-SE talab sabiex minn għandu xi mozzjoni għall-agenda, din għandha tintbgħat qabel għaliex l-agenda se tkun ippubblikata fil-11 ta' April.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18/4/17 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku